# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-4 t'Ottubru, 2017.**

**Rikors Numru 347/2014 SM**

**Dr. Gabriella Fumia**
**(I.D. Numru 39242 A)**

**vs.**

1. **Direttur Generali *Veterinary and Phytosanitary Regulation Department*, u b'digriet datat iz-17 ta' Gunju, 2014, dan gie sostitwit bin-nomenklatura Direttur Generali ghall-Harsien tal-Animali u Servizzi Veterinari;**

2. **Onorevoli Ministru ghall-Izvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima; u**

3. **L-Onorevoli Prim Ministru**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat datat il-25 t'April, 2014, li permezz tieghu r-rikorrenti, bil-gurament taghha sintetikament esponiet is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi fit-28 ta' Marzu, 2006, bdiet tahdem bhala Ufficjal Veterinarju fi hdan id-Dipartiment koncernat minnha indikat;

1.2. Illi l-istess bdiet tahdem hekk:

1.2.1. Fuq bazi ta' zmien definittiv; u

1.2.2. Il-kuntratt ta' xoghol taghha kien qed jigi mgedded regolarment skont il-ligi;

1.3. Illi in vista tal-istess kienet intitolata tigi impjegata b'mod indefinit wara li l-kuntratt taghha gie imgedded ghal aktar minn erbgha (4) snin;

1.4. Illi wara diversi talbiet kienet informata mill-Prim Ministru permezz t' "Ittra ta' Hatra ta' Ufficjal" datata il-25 t'Ottubru, 2013, li kienet approvata l-hatra taghha bhala ufficjal fi Skala Numru 5 ghall-perjodu indefinit, b'sehh mit-28 ta' Marzu, 2010, b'salarju hemm ukoll indikat, (ara foll 7);

1.5. Illi permezz tal-istess ittra indikata fil-paragrafu precedenti gie lilha indikat is-segwenti:

1.5.1. Illi kienet ser tibqa' tgawdi l-beneficcji kollha tal-kuntratt definit li kellha qabel; u

1.5.2. Illi dan jibqa' validu sakemm tibqa' taqdi d-dmirijiet taghha kif stipulat fil-kuntratt, anki wara li l-istess kuntratt jiskadi;

1.5.3. Illi l-istess hatra kienet qed issir minghajr pregudizzju ghall-grad sostantiv taghha;

1.6. Illi sakemm kienet Ufficjal Veterinarju, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel), li kienet tifforma parti mill-*"veterinary stream"*;

1.7. Illi ghalkemm bil-hatra surriferita, (ara paragrafu numru wiehed punt erbgha, (1.4.), aktar qabel), finalment akkwistat kuntratt ghal zmien indefinit, hi xorta wahda jirrizulta li tilfet id-drittijiet kollha taghha assocjati mal-imsemmija *"veterinary stream"*;

1.8. Illi in effetti, anke n-nomenklatura tax-xoghol taghha ma jirriflettix il-fatt li hi taghmel xoghol ta' veterinarju;

1.9. Illi ghalhekk il-hatra taghha bhala Ufficjal fi Skala Numru 5 ghandha tigi sostitwita b'hatra ekwivalenti fil-*"veterinary stream"* senjatament, bhala 'Ufficjal Veterinarju Principali fi Skala Numru 5';

1.10. Illi *di piu`* ghandha tiehu arretrati lilha dovuti *ai termini* tal-kuntratt t'impjieg li jinkludu *"allowances"* u beneficcji ohra li ma gewx imhallsin lilha;

1.11. Illi permezz t'ittra ufficjali datata l-14 ta' Jannar, 2014, (ara foll 8), ghamlitha cara li ghalkemm kienet qed taccetta s-salarju assocjat mal-hatra taghha sakemm dan jirrifletti l-iskala numru 5, dan ghamlithu minghajr pregudizzju ghad-drittijiet taghha u titlob:

1.11.1. Pagament ghall-arretrati;

1.11.2. Somom ohra lilha dovuti wara l-hatra fi skala numru 5;

1.11.3. Li l-hatra taghha tigi debitament sostitwita b'dik ta' Ufficjal Veterinarju Principali fi Skala 5;

1.12. Illi alternattivament jigi dikjarat li b'zieda mall-ittra tal-hatra datata l-25 t'Ottubru, 2013, (ara paragrafu numru wiehed punt erbgha, (1.4.), aktar qabel u foll 7), qed izzomm id-drittijiet u beneficcji kollha assocjati mal-*"veterinary stream"*;

1.13. Illi ghalkemm interpellati, l-intimati baqghu inadempjenti;

1.14. Illi ghaldaqstant aderiet din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.14.1. Tordna s-sostituzzjoni tal-hatra tar-rikorrenti kif indikata fl-ittra *de quo* datata l-25 t'Ottubru, 2013, biex il-hatra *"Officer in Scale 5"* tkun sostitwita bil-hatra *"Principal Veterinary Officer in Scale 5"*;

1.14.2. Illi fin-nuqqas qed izzomm id-drittijiet u beneficcji kollha assocjati mall-*"veterinary stream"* minkejja li l-kariga hi dik generika ta' *"Officer in Scale 5"*;

1.14.3. Tillikwida l-ammonti kollha dovuti lir-rikorrenti mill-intimati jew min minnhom inkluzi arretrati ta' pagi, "allowances", beneficcji u jew danni sofferti minnha;

1.14.4. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom biex ihallsu lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata;

1.14.5. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimati;

2. Rat id-digriet taghha datat id-29 t' April, 2014, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 11);

3.0. Rat ir-risposta tal-intimati datata l-21 ta' Mejju, 2014, li permezz taghha sintetikament esponew is-segwenti, (ara foll 18):

3.1. Illi l-kap tad-dipartiment responsabbli ghandu nomenklatura differenti minn kif indikat fl-okkju tar-rikors guramentat promotur;

3.2. Illi l-Ministru intimat mhux il-legittimu kontradittur u dan, *ai termini* tal-artiklu 181 B(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3.3. Illi fil-mertu:

3.3.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

3.3.2. Illi mhux minnu li *a tenur* tal-kuntratt taghha bhala *"expatriate veterinarian"* kienet tifforma parti mill-*"veterinary stream"*;

3.3.3. Illi *stante* li r-rikorrenti ma kienitx tifforma parti mill-*“veterinary stream”* qatt ma kienet intitolata ghad-drittijiet assocjati mal-istess;

3.3.4. Illi l-hatra fi grad fil-“veterinary stream” issir biss wara process ta’ ghazla u in segwitu ghal hrug ta’ sejha ghall-applikazzjonijiet, u dan, *ai termini* ta’ ftehim kollettiv appozitu;

3.3.5. Salv risposti ulterjuri;

3.3.6. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

4. Rat id-digriet taghha datat iz-17 ta’ Gunju, 2014, li permezz tieghu, wara talba appozita ghall-istess, ordnat il-korrezzjoni fl-okkju tar-rikors in dizamina, (ara foll 25);

5. Rat id-digriet taghha datat is-6 ta’ Gunju, 2016, li permezz tieghu, wara rikors appozitu tal-intimati datat il-11 ta’ Mejju, 2016, (ara foll 466), u r-risposta fir-rigward tar-rikorrenti datata t-2 ta’ Gunju, 2016, (ara foll 478), awtorizzat lill-istess intimati jintavolaw eccezzjoni preliminari ulterjuri, (ara foll 466 u 481);

6.0. Rat ir-risposta guramentata ulterjuri datata t-13 ta’ Gunju, 2013, li sintetikament tesponi s-segwenti, (ara foll 482):

6.1. Illi l-azzjoni odjerna hi improponibbli *stante* li dak mitlub imur kontra l-Kostituzzjoni;

6.2. Illi l-qorti odjerna hi prekluza milli tordna s-sostituzzjoni tal-hatra tal-esponenti minn Ufficjal fi Skala 5 ghal dik ta’ Ufficjal Veterinarju Principali fi Skala 5 *stante* li l-qrati huma prekluzi mill-Kostituzzjoni milli jiddeciedu dwar dan;

6.3. Illi l-istess hu msejjes fuq l-artikli 110 u 115 tal-Kostituzzjoni;

7. Rat id-digriet taghha datat it-3 ta’ Novembru, 2016, li permezz tieghu, wara li l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx provi aktar x’jipproducu, u wara talba appozita tal-istess ghal dan, il-ghan awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 490);

8. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata appena tardivament tar-rikorrenti datata s-26 ta' Jannar, 2017, (ara foll 491), flimkien man-nota tal-intimati pprezentata fit-terminu lilhom moghti datata l-20 ta' Marzu, 2017, (ara foll 498);

9. Semghet ix-xhieda prodotta;

10. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati prodotti;

11. Rat il-verbal datat it-28 ta' Marzu, 2017, fejn mill-istess, ghalkemm jirrizulta li l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet kienu dehru ghall-udjenza specifikament rizervata ghat-trattazzjoni orali tal-istess, ma jirrizultax li ghamlu dan u l-kawza thalliet ghall-iskop hemm indikat, (ara foll 508);

Ikkunsidrat:

12.0. Illi essenzjalment il-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

**A. Ir-Rikorrenti:**

12.1. Illi n-nomenklatura espressament indikata fl-ittra tal-hatra taghha datata l-25 t'Ottubru, 2013, (ara foll 7, 394 u 430), ta' *Officer in Scale 5* tigi sostitwita bil-kliem Principal Veterinary Officer in Scale 5, (ara foll 2);

12.2. Illi alternattivament, li b'zieda mall-hatra *de quo* datata l-25 t'Ottubru, 2013, fuq indikata, izzomm ukoll id-drittijiet u l-beneficcji kollha moghtija mall-hekk imsejha *"veterinary stream"*, (ara foll 2 u 32);

12.3. Illi titlob ukoll li jigu likwidati favur taghha l-arretrati, pagi, *"allowances"*, beneficcji ohra, u danni lilha dovuti u minnha sofferti;

12.4. Illi hi regolarment licenzjata biex tahdem ta' ufficjal veterinarju, (ara foll 29 u 84);

12.5. Illi taghmel xoghol iehor referibbli ghas-sahha tal-konsumatur billi hi wkoll responsabbli mill-*"Milk Hygiene Unit"* fid-Dipartiment ikkoncernat, (ara foll 31), u b'mod generali tohloq u tenforza *"policies"* fir-rigward, (ara foll 492);

12.6. Illi d-dicitura *"Officer in Scale 5"* indikata fil-hatra taghha datata l-25 t'Ottubru, 2013, (ara paragrafu numru tnax punt wiehed, (12.1.), aktar qabel), hi legalment inkorretta u ingusta fil-konfront taghha billi teskludiha mill-beneficcji kollha moghtija fil-"veterinary stream", (ara foll 492);

**B. L-intimati:**

12.7. Illi ***preliminarjament*** jissottomettu sintetikament s-segwenti:

12.7.1. Illi l-Ministru ghall-Izvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima mhux il-legittimu kontradittur, (ara foll 18);

12.7.2. Illi l-azzjoni odjerna hi improponibbli *stante* li dak li fiha qed jintalab mir-rikorrenti jmur kontra l-Kostituzzjoni ta' Malta, (ara foll 482);

12.8. Illi fil-***mertu*** jissottomettu sintetikament is-segwenti:

12.8.1. Illi mhux minnu li skont il-kuntratt moghti lir-rikorrenti bhala *"expatriate veterinarian"* ir-rikorrenti kienet tifforma parti mill-*"veterinary stream"*, (ara foll 19);

12.8.2. Illi ghalhekk mhix intitolata ghad-drittijiet assocjati mal-istess "*stream*", (ara foll 19);

12.8.3. Illi l-hatra ta' *"Principal Veterinary Officer"* li hi hatra fi grad fil-"*veterinary stream*" issir biss wara sejha appozita ghall-applikazzjonijiet u allura wara process ta' ghazla – u dan, skont il-ftehim kollettiv vigenti, (ara foll 19);

Ikkunsidrat:

13.0. Illi fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati fir-rigward tal-Ministru intimat, (ara paragrafu numru tnax punt sebgha punt wiehed, (12.7.1.), aktar qabel), jinghad sintetikament is-segwenti:

13.1. Illi jsosstnu li l-istess Ministru mhux il-legittimu kontradittur, u dan *ai termini* tal-artiklu 181 B(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

13.2. Illi fir-rigward l-artiklu in dizamina jiddisponi s-segwenti:

> "Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni";

13.3. Illi jirrizulta pacifiku li s-sejha ghall-post ta' Ufficjali Veterinarji Anzjani, (ara foll 412), Ufficjal fi Skala 5, (ara foll 7, 394 u 430), u *Principal Veterinary Officer*, (ara foll 395 *et sequitur*), flimkien m'ohrajn fir-rigward, (ara foll 399 *et sequitur*), kollha saru taht il-Ministeru ikkoncernat;

13.4. Illi jirrizulta pero` li l-kariga lamentata mir-rikorrenti kienet intiza li tkun fi hdan il-*Veterinary and Phytosanitary Regulation Department*, (ara foll 420) u mhux direttament mal-Ministeru *de quo*, (ara wkoll foll 29);

13.5. Illi in vista tal-artiklu pre-citat ghandu jkun pacifiku li f'azzjonijiet gudizzjarji indirizzati kontra xi dipartiment governattiv bhal ma hu l-kaz in dizamina, d-dipartiment ikkoncernat ghandu jkun rapprezentat mill-Kap tal-istess Dipartiment li jrid iwiegeb ghall-istess;

13.6. Illi in vista tal-premess, il-Ministru intimat mhux il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti;

13.7. Illi konsegwenza tal-istess din l-eccezzjoni tal-intimati ghandha tigi akkolta;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi fir-rigward tal-eccezzjoni preliminari ulterjuri sollevati mill-intimati jinghad sintetikament is-segwenti:

14.1. Illi l-azzjoni in kwistjoni hi improponibbli, u dan in vista tal-artikli 110 u 115 tal-Kostituzzjoni;

14.2. Illi ghalhekk il-qorti ma tistax tilqa' t-talba kif proposta u ma tistax tordna s-sostituzzjoni tal-hatra taghha minn Ufficjal fi Skala 5 ghal dik ta' Ufficjal Veterinarju Principali fi Skala 5;

14.3. Illi in vista tal-artikli fuq riferiti, l-qrati huma prekluzi mill-Kostituzzjoni stess li jiddeciedu dwar dan;

Ikkunsidrat:

15.0. Illi fir-rigward isiru s-segwenti osservazzjonijiet:

15.1. Illi skont il-kuntratt tal-impjieg datat l-10 t'April, 2006, iffirmat mir-rikorrenti, (ara foll 370 u 372), jirrizulta assodat li r-rikorrenti inghatat l-impjieg ta' Ufficjal Veterinarju liema ufficjal jaqa' fl-iskala numru 5 tal-gradwatorja tas-Servizz Civili;

15.2. Illi kif jirrizulta mill-ittra tal-Hatra ta' Ufficjal datata l-25 t'Ottubru, 2013, (ara foll 7, 394 u 430), il-kuntratt hekk precedentement moghti lir-rikorrenti beda sussegwentement jigi ikkunsidrat bhala wiehed indefinit;

Ikkunsidrat:

16. Illi f'dan il-kuntest ir-rikorrenti ssosstni li Ufficjal Veterinarju fi Skala 5 hu ekwivalenti ghall-Ufficjal Veterinarju Principali fi Skola 5 u mhux semplicement *"officer in scale 5"*;

17. Illi ghalhekk, fl-essenzjalita` kollha taghha din il-kawza tirriduci ruhha ghall-fatt li r-rikorrenti qeghda tinsisti li tibda tissejjah

*Principal Veterinary Officer* bl-addenda finanzjarja kollha annessa;

Ikkunsidrat:

18. Illi jigi osservat li l-hatriet fis-Servizz Pubbliku jsiru biss fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku *ai termini* tal-artiklu 110 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

19. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-kariga ta' Ufficjal Veterinarju Principali li r-rikorrenti qed tippretendi li tigi assenjata mill-qorti lilha tista' biss legittimament u legalment tintela' wara process ta' ghazla fil-miftuh minn wara sejha ghall-applikazzjonijiet ta' persuni li jkunu jokkupaw il-kariga ta' Ufficjal Veterinarju Anzjan jew fuq rakkomandazzjoni diretta tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif fuq indikat, u dan, minn fost ufficjali li jiffurmaw parti mill-kategorija tal-veterinarji;

20. Illi in effetti, l-istess rekwizit jirrizulta specifikament elenkat fil-ftehim kollettiv konkluz bejn il-Gvern, il-*Unions* u l-veterinarji fi hdan is-Servizz Pubbliku datat l-1 ta' Marzu, 2013, (ara foll 56);

21. Illi l-klawsola 4.2. tal-istess ftehim kollettiv intitolata "*Entry Requirements and Career Progression*" tistabbilixxi s-segwenti:

    *"Subject to the requirements of the Constitution and to PSC regulations, appointments to any of the grades may be made through an open call for application(s) or through direct recommendation from among public officers in the Veterinary Medicine Class"*, (ara foll 62);

22. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku f'dan ir-rigward li semplici bidla fin-nomenklatura tal-kariga kif qed tipproponi r-rikorrenti mhix possibbli *stante* li l-istess ftehim kollettiv ma jippermettix tali manuvra billi jassigura li l-istess isir fid-dawl tal-provediment tal-Kostituzzjoni fuq riferit u skont ir-regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, u mhux unilateralment kif propost mir-rikorrenti;

23. Illi ghal aktar kjarezza f'dan ir-rigward issir referenza ghall-artiklu 110 (1) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi s-segwenti:

> “Bla hsara ghad-disposizzjoni ta’ din il-Kostituzzjoni, s-setgha li jaghmel hatriet ghall-karigi ufficjali u li jnehhi, u li jezercita kontroll dixxiplinari fuq, persuni li jkollhom jew ikunu jagixxu f’xi karigi bhal dawk tkun fil-Prim Ministru, li jagixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku”;

24. Illi in effetti, l-istess rikorrenti takkupa l-kariga ta’ Ufficjal fi Skala 5 li prezentement ghandha bis-sahha tal-ittra tal-hatra appozita datata l-25 t’Ottubru, 2013, (ara foll 7, 394 u 430), li nharget “fuq rakkomondazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku”, kif approvata mill-Prim Ministru;

25. Illi *di piu`*, in vista tal-ftehim kollettiv fuq riferit, ir-rikorrenti tista’ tinghata dak li hawn qed titlob biss jekk tali kariga minnha pretiza tinghatalha *ai termini* tal-Kostituzzjoni u tar-regolamenti tal-Kummissjoni *de quo* - kewizit, li t-talba hawn kontenuta fir-rikors guramentat promotur tar-rikorrenti ma tissodisfax;

Ikkunsidrat:

26. Illi kif ritenut mill-***Prim’Awla tal-Qorti Civili*** fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Dr. Joseph Cachia Feane vs. Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Infrastruttura et*** datata l-***20 t’Ottubru, 2005***, kif sussegwentement ikkonfermata mill-***Qorti tal-Appell*** permezz tas-sentenza taghha fir-rigward datata l-**14 ta’ Lulju, 2008**:

> “Fuq kollox, il-materja involuta fil-kawza tittratta materja ta’ ordinament kostituzzjonali, li hu ta’ ordni pubbliku, u l-qorti ma tistax tinjora dak li jirrizulta mill-Kostituzzjoni. L-artiklu 110 (1) tal-Kostituzzjoni jiddisponi b’mod car li s-setgha li jaghmel hatriet ghall-karigi ufficjali u li jnehhi persuni li jkollhom jew ikunu jagixxu f’xi kariga bhal dawk, tkun fil-Prim Ministru, li jagixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-*PSC*. Kif intqal mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali, (*recte:* ***Qorti tal-Appell***), fil-kawza ***Sultana vs. Prim Ministru*** deciza fis-***27 ta’ Gunju, 2003***, f’kaz ta’ hatriet fis-servizz pubbliku, il-Prim Ministru hu marbut li jimxi skont dik ir-rakkomandazzjoni, u allura f’kaz ta’ kwistjoni li tolqot l-impjieg ta’ bniedem fis-servizz pubbliku, d-decizjoni fil-

verita` tohodha l-*PSC*, u f'kaz ta' ilment hija d-decizjoni ta' din il-Kummissjoni li hija sindakabbli, u mhux tal-Prim Ministru...";

27. Illi l-istess sentenza ***Cachia Fearne vs. Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Infrastruttura et*** fuq indikata tkompli billi tissottolinea s-segwenti:

> "Jekk attur ghandux jew le kwalifiki biex jinghata kariga fis-servizz pubbliku, trid tara b'mod esklussiv il-*PSC*. Jekk lill-*PSC* tinghata informazzjoni zbaljata jew mhux preciza, huwa ghandu jikkontesta dan quddiem il-*PSC* u mhux quddiem dawn il-qrati. Dak li l-attur m'ghamilx quddiem il-*PSC*, li kien il-forum adattat li jikkonsidra l-posizzjoni tieghu, ma jistax issa jipprova jaghmlu quddiem dawn il-qrati..."

> "Il-qorti tqis li din il-kwistjoni tolqot hatra fis-servizz pubbliku, u l-kaz allura kellu jigi ttrattat, kif fil-fatt gara, quddiem il-*PSC*. Mhux impjegat iehor jaghti jew jittermina hatriet mas-servizz pubbliku, izda biss il-*PSC*, u hija din il-Kummissjoni li ghandha d-dritt u l-obbligu li tevalwa c-cirkostanzi tal-kaz u taghti d-decizjoni taghha, li fuqha irid jimxi l-Prim Ministru, u li torbot ukoll lil dawn il-qrati – salvi dak li inghad qabel dwar *review* limitat minn dawn il-qrati";

Ikkunsidrat:

28. Illi din il-qorti tikkondividi r-ragunament fuq citat u taghmlu taghha;

29. Illi ghandu ghalhekk ikun pacifiku li dak li r-rikorrenti qed titlob tramite l-procedura odjerna hu effettivament li qed titlob lil din il-qorti tissosstitwixxi d-decizjoni gia` mehuda fir-rigward mill-Prim Ministru fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku biex ghalhekk tibdel id-deskrizzjoni tal-kariga moghtija lir-rikorrenti minn *"Officer in Scale 5"* ghall- *"Principal Veterinary Officer in Scale 5"* minghajr ma tghaddi mill-proceduri ufficcjali kif stabbiliti fil-ligi u fil-ftehim kollettiv kif fuq spjegat;

30.0. Illi *di piu`*, li kieku tali talba tigi hawn avallata u ezegwita, dan jimplika l-holqien ta' hatra gdida fl-ambjent lavorattiv in dizamina li jmur:

30.1. Kontra l-ftehim milhuq mill-kategorija veterinarja fi hdan is-Servizz Pubbliku; u

30.2. Kontra l-artiklu 101 (1) tal-Kostituzzjoni;

31. Illi konsegwentement, din l-eccezzjoni preliminari ulterjuri sollevata mill-intimati ghandha tigi akkolta;

Ikkunsidrat:

32.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li l-intimati ippruvaw l-eccezzjonijiet preliminari taghhom, u konsegwentement:

**DECIDE:**

32.1. Takkolji l-istess eccezzjonijiet preliminari, sollevati mill-intimati, (ara foll 18);

32.2. Tiddikjara ghalhekk li l-Ministru ghall-Izvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima mhux il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti *ai termini* tal-artiklu 181 (B) (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

32.3. Tillibera lill-istess Ministru indikat fil-paragrafu precedenti mill-osservanza tal-gudizzju;

32.4. Takkolji wkoll l-eccezzjoni preliminari ulterjuri sollevata mill-istess intimati, (ara foll 482), inkwantu l-azzjoni odjerna tmur kontra d-disposizzjoni tal-artiklu 110 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta f'dak li huma hatriet li jinghataw biss mill-Prim Ministru fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;

32.5. Illi in vista tal-premess, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz;

32.6. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti.

_________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**